**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Stephanie Difesa

vs

Lilian Vella - Deluxe Bathrooms

CCT G2/21/MS

4 ta' Novembru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fl-1 ta' Marzu 2021 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-intimata/ azjenda intimata thallasha s-somma ta' €2,158.86 prezz ta' accessorji u fixtures mixtrija minghand l-azjenda intimata, liema accessorji biddlu l-kulur taghhom minhabba korruzjoni u ma kienux tal-kwalita' pattwita; illi ghalkemm kienet lesta li taccetta l-proposta tal-azjenda intimata biex tbiddel dawn u tiehu sett iehor, meta dan is-sett gdid gie konsenjat il-kulur kien differenti minn dak originali.

Ra r-risposta tal-intimati tal-14 ta' Lulju 2021 fejn cahdet it-talba tar-rikorrenti u eccepiet li s-sett kien inbidel ghal wiehed gdid u r-rikorrenti kienet accettat il-proposta;

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra illi l-intimata ma dehritx meta hekk imsejha biex tixhed.

Ra l-verbal tas-17 ta' Gunju 2022 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu

Ra illi ma kien hemm l-ebda ostakolu ghal prolazzjoni tas-sentenza

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fis-16 ta' Marzu 2019, ir-rikorrenti xtrat accessorji ghal kamra tal-banju u dan kif jirrizulta ahjar mill-invoice esebit numru 2181. Hemm qbil bejn il-partijiet illi dawn l-accessorji, li kellhom ghaxar snin garanzija gralhom il-hsara u fil-fatt ir-rikorrenti kienet lesta li taccetta l-proposta tal-azjenda intimata biex

dawn jindbidlu ghal sett gdid. Wara seba' xhur tistenna, is-sett gdid wasal. Pero' jidher illi l-kulur tas-sett il-gdid kien gold fl-isfar u ma kienx dak li xtaqet ir-rikorrenti u ghalhekk hi ma accettatx il-proposta. Dan kollu huwa korroborat mill-messaggi li gew esibiti mill-intimata stess.

Illi r-rikorrenti xtrat accessorji b'kulur partikolari hafna - *rose gold* - li huwa differenti ghal kollox minn gold normali. Dawn kienu difettuzi. Ghalkemm kienet lesta li taccetta li dawn jinbidlu u kienet lesta wkoll li taccetta ftit differenza fil-kulur, ma kenitx lesta li taccetta li l-kulur jinbidel ghal kollox. Xtaqet sett gdid li jixbah dak li kellha qabel. Jidher pero' illi s-sett il-gdid ma kienx fuq ir-rosa u kien gold isfar. Ghalkemm jista' jkun veru illi l-azjenda intimata kienet lesta li tbiddel is-sett kollu ghal wiehed gdid, dan ma jfissirx illi r-rikorrenti kellha taccetta kulur li ma riditx. Il-prodotti li nxtraw originarjament kienu taht garanzija u gialdarba dawn kienu bil-hsara, kellha kull dritt illi tiehu flusha lura mall-ewwel. Il-fatt li accettat li tbiddel is-sett ghal wiehed gdid ma jffissirx illi ghandha taccetta kulur li ma xtaqitx. Meta si tratta ta' kamra tal-banju u ta' accessorji, il-kulur, ghalkemm soggettiv, huwa rekwizit importanti hafna u fattur determinanti. Fin-nuqqas ta' konformita', ir-rikorrenti kellha d-dritt li tittermina l-kuntratt.

It-Tribunal jinnota wkoll illi hadd ma deher ghall-azjenda intimata meta hekk imsejjah biex jidher.
Wara li qies ic-cirkostanzi kollha, it-Tribunal jidhirlu li r-rikorrenti ghandha ragun fl-ilment taghha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna l-intimata/ azjenda intimata tirrifondilha s-somma ta' €2158,86. Bi dritt tal-intimata/ azjenda intimata li tiehu lura l-accessorji mertu tal-kawza wara li jsir il-hlas. Bl-ispejjes kontra l-istess intimata/azjenda intimata.

Michela Spiteri Av.
Arbitru